MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 29/2013

**Antoinette Calleja**

**Vs**

**Direttur Generali fid-Dipartiment tal-Kuntratti u b'digriet datat 9 ta' Jannar 2013 gie kjamat fil-kawza l-Onorevoli Prim Ministru**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni preliminari moghtija mit-Tribunal Industrijali tat-08 ta' Ottubru 2013, fejn giet ipprounzjata is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

*"Ic-Chairman:-*

*Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni ta' Antoinette Calleja pprezentat fir-Registru tal-Qorti fit-23 ta' Mejju 2012*

*PRELIMINARI*

*Fl-ewwel seduta dan it-Tribunal diversam3ent presjedut ghamel appell ghal ftehim bonarju, u fin-nuqqas ghada biex jisma l-kaz. Sussegwentement ir-rikorrent talbet li jigi kjamat fil-kawza l-Onorevoli Prim Ministru, liema talba intlaqghet b'digriet tad-9 ta' Jannar 2013 fejn giet ordnata wkoll il-korrezzjoni relattiva fl-okkju tal-kawza. In segwitu l-Onorevoli Prim Ministru dahal risposta fejn qajjem eccezzjonijiet kemm ta' natura preliminari kif ukoll fuq il-meritu, u minhabba n-natura tal-imsemmija eccezzjonijiet preliminari, dan it-Tribunal ghadda biex jaghti din id-decizjoni in rigward tal-imsemmija eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-Onorevoli Prim Ministru.*

*DIKJARAZZJONIHJIET RELEVANTI*

*Ir-rikorrenti fethet il-kaz a tenur tal-Artikolu 3 et sequitur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 429.95 tal-Ligijiet ta' Malta, u ddikjarat li hija kienet giet appuntata mill-Prim Ministru sabiex isservi bhala Direttur fil-qasam tal-Compliance fid-Dipartiment tal-Kuntratti, fil-qasam tal-'public procurement' u dan b'kuntratt definit ghal tlitt snin, u li sussegwentement gie mgedded. Tiddikjara li ghal ragunijiet mhux maghrufa lill-esponenti, tul l-erba' snin li kienet ilha tokkupa dik il-kariga hija hasset ruhha vittimizzata, u anke diskriminata, partikolarment, izda mhux limitatament, stante li giet ripetutament ittrattata b'mod inqas favorevoli minn kollegi taghha f'kariga simili, u ghaliex giet vittimizzata u maltrattata mill-intimat li fil-bidu nett wera ostilita` lejha, bl-ghan car li tiddejjaq u tirrizenja mill-pozizzjoni taghha. Tiddikjara li dan inkluda t-tnehhija tal-istaff kollu li kellha u n-nuqqas ta' assenjazzjoni ta' staff gdid, u dan minghajr ma inghatat ragunijiet; restrizzjoni fl-inizjattivi u xoghol ordnat minnu; assenjazzjoni ta' madwar hamsa u disghin*

*fil-mija tax-xoghol lil direttur iehor, u episodji ohra li jikkwalifikaw bhala umiljanti, degradanti u maltrattament, sal-gurnata tal-lum. Tiddikjara li konsegwenza ohra ta' dan kien li giet diskriminata jew konsidrata negattivament waqt process ta' ghazla ta' zewg Diretturi godda bil-konsegwenza li intaghzlet persuna anqas kwalifikata minnha, bi ksur tal-kuncett ta' trattament u opportunitajiet ugwali fuq il-post tax-xoghol. Ir-rikorrenti talbet rimedju ghal dan kollu u talbet li jigi dikjarat li r-rikorrenti kienet vittma ta' diskriminazzjoni, kif ukoll harassment skond Artikoli 2 u 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.95 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan li talbet lit-Tribunal jordna li hija tinghata opportunita` ugwali fl-ghoti tal-promozzjoni ghal Direttur fi hdan id-Dipartiment tal-kuntratti, u li jiffissa kumpens xieraq li ghandu jithallas lir-rikorrenti.*

*Francis Attard, Direttur Generali fid-Dipartiment tal-Kuntratti dahal dikjarazzjoni risponsiva fis-sens li fl-ewwel lok huma mhux legittimu kontradittur ghat-tieni u t-tielet talbiet attrici, u cioe` fejn qed jintalab li r-rikorrenti tinghata opportunita` ugwali fl-ghoti tal-promozzjoni ghal Direttur fi hdan id-Dipartiment tal-Kuntratti u ghal biex jithallas kumpens, peress li l-ghoti tal-promozzjonijiet ma taqax fil-kompetenza tieghu, u anqas biss ikun involut fil-process tal-ghazla. Huwa rrisponda wkoll li l-allegazzjoni li r-rikorrenti ma inghatatx opportunita` ugwali fl-ghoti tal-promozzjonijiet gia giet investigate u deciza mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, oltre li cahad li saret xi diskriminazzjoni, trattament hazin jew vittimizzar tar-rikorrenti. Pero` l-eccezzjonijiet sollevati mid-Direttur Generali fid-Dipartiment tal-Kuntratti mhumiex qed jigu decizi b'din id-decizjoni tal-lum.*

*Fit-18 ta' Jannar 2013 l-Onorevoli Prim Ministru, issa kjamat fil-kaz, dahal risposta fejn b'mod preliminari ecepixxa illi:-*

*(i) In kwantu l-proceduri fl-ismijiet premessi gew intavolati mir-rikorrenti fil-kuntest ta' hatra ta' ufficjal pubbliku, senjatament il-process tal-ghazla ghal headship posts fis-settur pubbliku, liema process huwa regolat a tenur tal-Artikolu 110 et seq tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-esponent jecepixxi li t-talbiet tar-rikorrent jezorbitaw mill-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal skont il-proviso tal-Artikolu 75(1) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(ii) bla pregudizzju ghas-suespost, in kwantu fl-ezercizzju tal-funzjonijiet tieghu kif fuq imsemmi l-esponent jagixxi fuq il-parir tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, huwa jecepixxi wkoll li dan l-Onorabbli Tribunal ghandu jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' kull haga li taqa' taht il-funzjonijiet ta' dik il-Kummissjoni u ghandu jizgura li ma jkunx hemm indhil fuq il-funzjonijiet tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku u dan skont il-provvedimenti tal-Artikolu 80(2) tal-istess Kap 452;*

*(iii) bla pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponent hija f'dan l-istadju mproponibbli a tenur tal-Artikolu 10(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.95 liema perjodu huwa wiehed ta' dekadenza;*

*(iv) bla pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz, it-talba taghha fil-konfront tal-esponent li hija tinghata l-opportunita` ugwali fl-ghoti tal-promozzjonijiet ghal Direttur fi hdan id-Dipartiment tal-Kuntratti hija llum ezawrita stante li hija kienet ressqet l-ilment taghha dwar il-hatra in kwistjoni permezz ta' petizzjoni lill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, li wara li ghamlet l-indagni taghha infurmat lill-istess rikorrenti li l-ilmenti taghha ma kienux gustifikata stante li rrizulta li l-process kollu tal-ghazla kien wiehed korrett;*

*(v) bla pregudizzju ghas-suespost inkwantu r-rikorrenti qeghda tindika l-Artikolu 3 et seq tal-legislazzjoni Sussidjarja 459.95 tal-Ligijiet ta' Malta bhala l-bazi tal-azzjoni taghha, u peress li dawn l-Artikolu jinkorp0oraw minnhom infushom lista vasta ta' drittijiet, ir-rikorrenti ghandha tispecifika b'mod car u inekwivoku liema parti ta' dawn l-Artikoli qeghda tinsinwa li l-esponent*

*allegatament ivvjola, stante li mhux kompitu tal-esponent li jipprova jiddeduci hu liema Artikoli, sub-artikoli jew paragrafi tal-istess Artikoli jista' jkun li qed ssir referenza ghalihom.*

*KONSIDERAZZJONIJIET*

*L-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Onorevoli Prim Ministru tirreferi ghan-nuqqas ta' gurisdizzjoni, jew ahjar nuqqas ta' kompetenza ratione materiae in kwantu l-proceduri fl-ismijiet premessi gew intavolati mir-rikorrenti fil-kuntest ta' hatra ta' ufficjali pubblici (headship posts) fis-settur pubbliku, liema process huwa regolat a tenur tal-Artikolu 110 et seq tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u liema eccezzjoni hi bazata fuq il-kompetenza tat-Tribunal kif radikata skont il-proviso tal-Artikolu 75(1) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghandu jinghad li l-Artikolu 75 tal-Kap 452 verament jaghmilha cara li d-dispozizzjonijiet tieghu mhumiex ta' hsara ghal dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni partikolarment Artikolu 110 tal-istess Kostituzzjoni , pero' l-istess Artikolu 110 ma jghidx li hatriet u promozzjonijiet jaqghu fil-kompetenza tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, imma l-Prim Ministru jiehu decizjonijiet fuq tali hatriet jew promozzjonijiet fuq parir tal-istess Kummissjoni. Ghaldaqstant kwalunkwe kontestazzjoni li tirrigwarda hatra jew promozzjoni mhux necessarjament tkun qed tattakka l-operat tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, pjuttost tkun qed tattakka l-operat tal-Prim Ministru.*

*Di piu` jigi notat li r-rikorrenti dahhlet diversi ilmenti fir-rikors taghha u mhux biss dwar hatra jew promozzjoni. Dan ifisser li jekk hemm xi limitazzjoni partikolari dwar kemm dan it-Tribunal jista' jiddeciedi xi punt, dan ma jwassalx biex it-Tribunal jabdika mir-responsabilitajiet kollha tieghu in rigward tal-kaz kollu; ghalhekk ikun iktar ghalih li jekk hemm punti partikolari li ma jaqghux fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal, id-decizjoni dwarhom ma tinghatx b'mod preliminari.*

*Fi kwalunkwe kaz, ghal dik li hija kompetenza ta' dan it-Tribunal, jinghad li r-rikorrenti qed tibbaza l-kaz taghha fuq il-Ligi Sussidjarja 452.95 jew ahjar ir-Regolamenti dwar it-Trattament Ugwali fl-Impiegi, liema ligi taghmilha cara mill-ewwel Artikolu taghha li tapplika kemm ghall-haddiema fil-privat kif ukoll ghall-haddiema fis-settur pubbliku. Di piu` din il-Ligi partikolari ma tipprovdi ebda limitazzjoni f'kaz fejn l-investigazzjoni relattiva tkun tehtieg skrutinju ta' dak li sar mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku qabel ma inghataw il-hatriet jew promozzjonijiet kontestati.*

*Dan kollu jwassal lil dan it-Tribunal biex jikkonkludi li b'mod generali huwa ghandu kompetenza jisma l-ilmenti imressqa mir-rikorrenti, kemm fil-konfront tal-intimat kif ukoll fil-konfront tal-kjamat fil-kaz, b'dan pero ` li dan it-Tribunal jaghmilha cara li mhux ser ikun qed jissindika l-operat innifsu tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku. Madanakollu, dan it-Tribunal ma jistax ma jissollevax il-punt li gialadarba dan il-kaz huwa bazat fuq il-ligi Sussidjarja 452.95, u mhux specifikatament fuq l-Artikolu 75 tal-Kap 452 t al-Ligijiet ta' Malta, u peress li dan il-kaz jinvolvi l-Gvern, allura huwa applikabbli Artikolu 73 subinciz (5) tal-Ligi Dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452) li jghid li meta l-kaz ikun jinvolvi lill-Gvern, it-Tribunal irid ikun compost mic-Chairman kif ukoll minn zewg membri hekk kif indikat fl-istess subartikolu. F'dawn ic-cirkostanzi, dan it-Tribunal kif prezentament kompost ma jistax ikompli jiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz, b'dan it-Tribunal ikun jista' jkompli jiehu konjizzjoni tal-kaz meta jkun validament kompost minn tliet membri kif indikat fl-imsemmi subartikolu 73(5).*

*<u>DECIZJONI</u>*

*Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jipprovdi in parte fuq l-ewwel eccezzjoni biss minn dawk sollevati mill-imsejjah fil-kaz l-Onorevoli Prim Ministru, if-sens biss li fil-waqt li jiddikjara li huwa kompetenti jisma u jiddeciedi kawza ta'*

*hatriet u promozzjonijiet fis-servizz pubbliku, pero` it-Tribunal irid ikun kompost minn tliet membri kif jipprovdi l-Artikolu 73 subinciz (5) tal-Ligi Dwar l-Inpiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452). Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jastjeni milli jaghti provvedimenti ulterjuri fuq l-eccezzjonijie t sollevati mill-imsejjah fil-kaz Onorevoli Prim Ministru, jordna li dan it-Tribunal ikun validament kompost bi tliet membri, u jordna wara li t-Tribunal ikun validament kompost kif inghad ikun hemm il-prosegwiment tas-smiegh tal-kaz billi fl-ewwel lok il-partijiet jirregolaw ruhhom u jigi stradat il-kaz."*

Bl-appell minnu introdott fil-konfront ta' din id-decizjoni, l-Onorevoli Prim Ministru ressaq is-segwenti aggravvji fejn ilmenta illi:

1. Illi it-Tribunal Industrijali erronjament cahad l-eccezzjoni preliminari sollevata minnu dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni u dan sa fejn l-ilment tar-rikorrenti appellata jikkoncerna l-hatriet ta' ufficjali pubblici f'*headship posts*.
2. It-Tribunal ma kellux jordna li l-kaz ikompli jinstema' b'komposizzjoni ta' tlett membri kif indikat fl-artikolu 73(5) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta

Billi il-Prim Ministru appellanti qieghed preliminarjament jissolleva in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali sabiex jisma u jiddeciedi dana l-kaz u dan limitament sa fejn l-ilment ta'l-appellata jikkoncerna id-diskriminazzjoni minnha subita meta ma inghatatx l-promozzjoni li kien haqqa, il-Qorti hija tal-fehma illi qabel xejn ghandha tistharreg dana il-gravam billi l-istess jista' jimpingi fuq l-ezitu ta' dawn il-proceduri.

Illi fl-eccezzjoni preliminari sollevata minnu, il-Prim Ministru jishaq illi l-kwistjoni dwar il-hatra ta' ufficjali pubblici, senjatament il-process tal-ghazla

ghal *headship post* fis-settur pubbliku, huwa process regolat bl-artikolu 110 et. seq. tal-Kostituzzjoni ta’ Malta. Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti sa fejn hija ilmentat minn trattament diskriminatorju fil-hatriet li saru fid-Dipartiment ghal posizzjoni ta’ Diretturi, tezorbita l-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u dana skont il-proviso tal-artikolu 75 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi testwalment:

**“Iżda ebda ħaġa f’dan is-subartikolu ma għandha tinftiehem li tolqot id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta’ Malta dwar uffiċjali pubbliċi jew ma għandha tolqot it-tħaddim tal-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port jew tal-Att li Jirregola l-Impiegi fitTrasport Pubbliku; u f’dan l-artikolu l-espressjoni "ħaddiem" ma tinkludix uffiċjali pubbliċi jew xi persuna li għaliha japplikaw l-imsemmija Ordinanza jew Att.”**

Illi l-Kostituzzjoni ta’ Malta tirregola it-thaddim tas-servizz pubbliku. Dan ghaliex is-servizz pubbliku jircevi trattament differenti minn impjiegi ohra u huwa protett mill-l-oghla ligi ta’pajjizna. Fil-fatt is-setgha tal-ghoti ta’ hatriet ghal karigi ufficjali, it-tnehhija u l-kontroll dixxiplinari fuq persuni mahtura f’dawn il-karigi pubblici, hija fdata f’idejn il-Prim Ministru, li sabiex jiehu dawn il-passi imsemmija, madanakollu irid jistrieh fuq il-pariri u rakkomandazzjonijiet maghmula lilu mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mahtur ukoll taht il-kappa tal-Kostituzzjoni.

Fil-fatt l-artikolu 469A(6) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li jitkellem dwar l-istharrig gudizzjarju ta’ eghmil amministrattiv ighid hekk dwar is-servizz mall-Gvern:

**“Għall-finijiet ta’ dan l-artikolu, u ta’ kull disposizzjoni oħra ta’ din il-liġi u ta’ kull liġi oħra, servizz mal-Gvern hu rapport speċjali regolat b’disposizzjonijiet speċjali speċifikatament applikabbli għalih u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Gvern, u ebda liġi jew disposizzjoni tagħha dwar kondizzjonijiet**

**ta' impieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' impieg ma tapplika, u qatt ma kienet tapplika, għal servizz mal-Gvern ħlief safejn dik il-liġi ma tipprovdix xort'oħra."**

L-appellanti allura jishaq illi dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi jizbqu dak dispost fil-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregolaw l-impjiegi b'mod specjali id-disposizzjonijiet tal-legislazzjoni sussidjarja li titkellem dwar it-trattament ugwali fl-impjiegi anke fid-dawl ta' dak dispost fil-proviso ghall-artikolu 75 hawn fuq iccitat.

Illi l-ligi applikabbli ghal kaz in dizamina hija indubbjament il-Legislazzjoni sussidjarja 452.95 li tirregola t-trattament ugwali fl-impjiegi fejn fir-regolament 1(2) huwa dispost:

**"Dawn ir-regolamenti jagħtu seħħ lid-disposizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi tal-Kunsill 76/207/KEE, 2000/78/KE, 2000/ 43/KE, 2002/73/KE u 2006/54/KE u japplikaw għall-persuni kollha fir-rigward kemm tas-settur pubbliku kif ukoll privat, u jinkludi servizz mal-Gvern skond ir-Regolamenti li Jestendu l-Applikabilità ta' Disposizzjonijiet dwar Trattament Ugwali fl-Impiegi għal Servizz mal-Gvern."**

Illi allura dan premess jirrizulta illi huma tnejn ic-cirkostanzi fejn r-regolamenti dwar it-trattatment ugwali fuq il-post tax-xoghol ghandhom japplikaw ghas-servizz mal-Gvern u dana kif stabbilit fir-regolament 2 tal-legislazzjoni Sussidjarja 452.100 illi jipprovdi illi l-artikolu 28 ta' l-Att dwar Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali, u l-artikolu 31 ta' l-istess Att sakemm dan ikun il-provvediment li jaghti l-poter li jinhargu regolamenti u li bis-sahha tieghu jkunu nhargu r-Regolamenti dwar Trattament Ugwali fl-Impiegi, ghandhom ikunu japplikaw ghal servizz mal-Gvern[1].

[1] Ara avviz legali 137 tal-2008

Illi huwa apparenti mill-korp ta’ l-inkartament quddiem it-Tribunal illi l-kwestjoni devoluta lilu kienet tikkoncerna allegat trattament diskriminatorju minn ufficjal pubbliku fuq il-post tax-xoghol taghha, li wassal sabiex hija giet iddiskriminata ukoll fl-ghazla tal-hatriet godda li saru ta’ diretturi fi hdan is-servizz pubbliku. Illi huwa minnu illi dawn il-hatriet fi hdan is-servizz mal-Gvern hija mhollija f’idejn il-Prim Ministru li jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u mhux f’idejn il-kap tal-ente governattiva li maghha hija impjegata r-rikorrenti, izda bi shubija ta’ Malta fl-Unjoni Ewropeja kull kaz ta’ allegat diskriminazzjoni fuq il-post tax-xoghol kellu jigi irregolat mid-direttivi ewropej kif rezi applikabbli fil-ligi taghna permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.95 estizi imbaghad ghas-servizz pubbliku permezz tal-Avviz Legali 54 tal-2007 (L.S.452.100). Huwa minnu illi tezisti divergenza bejn il-ligi principali u sussidjarja billi ghalkemm il-ligi sussidjarja hassbet biex iggib fis-sehh id-direttivi indikati, madanakollu ma sarux l-emendi necessarji sabiex il-ligi principali tinkorpora fiha dawn it-tibdiliet.

Illi l-iskop tad-Direttiva 200/78KE hija sabiex l-Istati Membri”

**“lay down a general framwork for combating discrimination on the grounds of religion or belief, disability, age or sexual orientation as regards employment and occupation, with a view to putting into effect in the Member States the principle of equal treatment.”**

Fil-fatt fl-artikolu 9 jinghad:

**“Member States shall ensure that judicial and/or administrative procedures, including where they deem it appropriate conciliation procedures, for the enforcement of obligations under this Directive are available to all persons who consider themselves**

**wronged by failure to apply the principle of equal treatment to them, even after the relationship in which the discrimination is alleged to have occurred has ended."**

L-ghan ghalhekk huwa li ikun hemm trattament parifikatorju fuq il-post tax-xoghol u dan kemm fis-settur privat kif ukoll fis-settur pubbliku. Illi l-eliminazzjoni ta' kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni hija imhaddna b'mod ewlieni fil-Kostituzzjoni fejn allura necessarjament il-Qrati dejjem hadu il-linja guridika illi fejn tinsorgi kwistjoni ta' ksur ta' jeddijiet fondamentali kif sanciti fil-Kostistuzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Jeddijiet Fundamentali tal-Bniedem kull qorti jew tribunal ghandu id-dmir illi ihares milli isehh kwalunkwe allegat ksur.

"***Huwa forsi utli li jigi ripetut b'introduzzjoni illi "l-individwu fir-relazzjonijiet tieghu ma' individwi ohra, kien regolat bil-ligijiet ordinarji promulgati mill-Istat. Ligijiet li kellhom pjenament jassiguraw lic-cittadin il-protezzjoni shiha mhux biss tad-dmirijiet u l-obbligi li dawk ir-relazzjonijiet joholqu imma wkoll fir-rigward tal-harsien u protezzjoni shiha tal-jeddijiet fondamentali li l-ligi ordinarja kellha wkoll tassigura lil kull cittadin" ("Constantino Consiglio et -vs- Kav. Joseph N. Tabone nomine", Qorti Kostituzzjonali, 11 ta' Awissu, 2000). F'materja ta' rapport ta' impjieg din l-enuncjazzjoni tircievi qawwa rafforzata ghaliex, kif anke kkonstatat, meta kien ghadu jvigi c-CERA (Kapitolu 135) qabel il-konsolidazzjoni tieghu mal-Kapitolu 266, "it is equally obvious from various parts of the Act itself that the law is primarily concerned with the protection of employees" ("Sylvia Falla -vs- Ernest Jennings nomine", Appell Kummercjali, 14 ta' April, 1969);***

***Dan, apparti, imbaghad, illi skond ir-regola generali tad-dritt fir-rigward tal-kuntratti kollha ghandu applikabilita` kostanti l-principju tal-bwona fede (Artikolu 993, Kodici Civili), u tali jimponi ruhu anke fuq min ihaddem fil-***

***perkors tar-rapport kontrattwali ma' l-impjegati tieghu. Dan mhux biss ghall-ezekuzzjoni tajba u korretta ta' dak ir-rapport imma wkoll ghall-iskop li jkun assigurat u garantit illi dak ir-rapport ma jsirx strument ta' diskriminazzjoni. ...***

***Premessa din l-introduzzjoni, huwa forsi wkoll opportun li jigi registrat illi, gja qabel il-promulgazzjoni tad-disposizzjonijiet specifici nnovattivi ghat-tutela kontra d-diskriminazzjoni, ex-Artikolu 26 tal-Kapitolu 452 u l-Avvizi Legali u d-Direttivi ta' l-Unjoni Ewropeja fuq imsemmija, kien inghad illi "filwaqt li hu veru li kienet biss il-Prim' Awla tal-Qorti Civili li kellha gurisdizzjoni originali biex titratta u tiddeciedi materji ta' vjolazzjonijiet attwali jew mhedda tad-drittijiet fondamentali, fosthom allura d-dritt ta' helsien mid-diskriminazzjoni, u li minn decizjonijiet ta' dik il-Qorti seta' biss isir appell lil din il-Qorti, dan ma jfisserx illi kull qorti u tribunal iehor kellu necessarjament iwarrab mill-konsiderazzjoni tieghu kull sottomissjoni li nsibu fir-rigward ta' l-allegata diskriminazzjoni li tolqot il-mertu, u li jaqa' fil-kompetenza ta' tali Qorti jew Tribunal" ("Teddy Rapa -vs- Chairman, Awtorita` ta' l-Ippjanar et", Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Mejju, 2000). Ir-rilevanza ta' din is-silta qed tigi sottolinejata mhux tant mill-ottika tal-kompetenza gudizzjali, del resto ffissata fit-Tribunal adit skond l-Artikolu 30 ta' l-Att, izda biex taccentwa l-punt illi kwestjoni ta' allegata diskriminazzjoni, meta tinsorgi, setghet dejjem tircievi l-iskrutinju tat-Tribunal. Dan b'applikabilita` tat-test oggettiv "to what was done, not the reasons or motives behind what was done" (Selwyn's, "Law of Employment", 15th Edition, para. 4.6 pagna 109);"*** - Appell numru 21/09 fl-ismijiet Paul Borg vs APS Bank deciza fis-26/03/2010.

***Fil-fehma tal-Qorti materja ta' diskriminazzjoni ma hijiex rizervata biss ghall-investigazzjoni u rettifika mill-organi gudizzjarji kostituzzjonali. Jekk l-***

***organi l-ohra, proprju bhal ma hi din il-Qorti, jistghu jipprovdu skond il-ligi ordinarja rimedju xieraq u adegwat ghal lezjoni, attwali jew mhedda, ta' jedd fundamentali, kien dan l-istess rimedju li kellu, u ghandu, fl-ewwel lok jigi mfittex. Ara a propozitu decizjoni ta' din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet "Joseph C. Agius -vs- Avv. Richard Galea Debono nomine", 21 ta' Ottubru 2002;***

***Fil-verita` ma hemm xejn x' josta li xi hadd jagixxi kontra min hu minnu meqjus fi htija ghall-vjolazzjoni ta' xi jedd fundamentali tieghu. Kif jinsab osservat, "dan ghaliex ghandu jkun pacifiku li kull individwu kien tenut u marbut li josserva d-dettami tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni – din ta' l-ahhar illum parti mill-ordinament guridiku nostran – kif kellu jkun pacifiku li l-Qrati kollha, u mhux biss il-Prim' Awla fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, u din il-Qorti, kellhom jinterpretaw u japplikaw il-ligijiet fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni" - "Constantino Consiglio et -vs- Kavalier Joseph N. Tabone nomine", Qorti Kostituzzjonali, 11 ta' Awwissu 2000." - 3 ta' Ottubru, 2003 Citazzjoni Numru. 1560/1995 Margaret Camilleri, Caroline Ebejer u Monica Gatt vs The Cargo Handling Co Ltd.***

Premess dan l-insenjament gudizzjarju fid-dawl tar-regolamenti il-godda li jittutelaw lill-impjegat, kemm fis-settur privat, kif ukoll fis-settur pubbliku minn trattament diskriminatorju, kwindi ma hemm xejn x'izomm lit-Tribunal Industrijali milli jinvestiga kwalunkwe allegat ksur tad-dritt fundamentali ta' kull impjegat ghal trattament ugwali fuq il-post tax-xoghol u dana anke bis-sahha tar-Regolamenti dwar it-Trattament Ugwali fl-Impjiegi kif estizi ghas-Servizz Pubbliku permezz ta'l-Legislazzjoni Sussidjarja 452.100. Dan ghaliex it-Trattat tal-Unjoni Ewropeja holoq infrastruttura legali li giet amalgamata mas-sistema legali u gudizzjarja ta'l-Istati Membri li l-qrati huma marbuta li

japplikaw, biex b'hekk l-Istati Membri illimitaw id-drittijiet sovrani taghhom b'tali mod illi holqu sistema legali li ghandha tapplika kemm ghac-cittadini taghha kif ukoll ghall-Istati Membri infushom u dan b'mod indiskriminat. Fil-fatt l-artikolu 65 tal-Kostituzzjoni jipprovdi:

**"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, il-Parlament jista' jagħmel liġijiet għall-paċi, ordni u gvernar tajjeb ta' Malta b'mod konformi ma' rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji ġeneralment aċċettati tad-dritt internazzjonali u l-obbligi internazzjonali u reġjonali ta' Malta partikolarment dawk assunti bit-trattat tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea iffirmat f'Ateni fis-16 ta' April, 2003."**

**Fil-fehma ta' din il-qorti l-art. 65 qiegħed effettivament jagħti status kostituzzjonali lill-"obbligi assunti bit-trattat tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea" u għalhekk liġi li tikser dawk l-obbligi hija effettivament inkonsistenti mal-Kostituzzjoni.[2]"**

Illi anke il-Qorti tal-Gustizzja ta'l-Unjoni Ewropjea sahhqet hekk fil-kaz **A. Foster u ohrajn vs British Gas plc**:

***"As the Court has consistently held ( see the judgment in Case 8/81 Becker v Hauptzollamt Muenster-Innenstadt [1982] ECR 53, paragraphs 23 to 25 ), where the Community authorities have, by means of a directive, placed Member States under a duty to adopt a certain course of action, the effectiveness of such a measure would be diminished if persons were prevented from relying upon it in proceedings before a court and national courts were prevented from taking it into consideration as an element of Community law. Consequently, a Member State which has not adopted the implementing measures required by the directive within the prescribed period may not plead, as against individuals, its own failure to perform the obligations which the directive entails . Thus, wherever the provisions of a directive appear, as far as their subject-matter is concerned, to be unconditional and sufficiently precise, those provisions may, in the absence of implementing measures adopted within the prescribed period, be relied upon as against any national provision which is***

[2] Kost. 361/2005 03/03/2014 – Vodafone Malta Limited et vs l-Avukat Generali et.

***incompatible with the directive or in so far as the provisions define rights which individuals are able to assert against the State .***
***The Court further held in its judgment in Case 152/84 Marshall, paragraph 49, that where a person is able to rely on a directive as against the State he may do so regardless of the capacity in which the latter is acting, whether as employer or as public authority . In either case it is necessary to prevent the State from taking advantage of its own failure to comply with Community law .***

***On the basis of those considerations, the Court has held in a series of cases that unconditional and sufficiently precise provisions of a directive could be relied on against organizations or bodies which were subject to the authority or control of the State or had special powers beyond those which result from the normal rules applicable to relations between individuals . …***

***It follows from the foregoing that a body, whatever its legal form, which has been made responsible, pursuant to a measure adopted by the State, for providing a public service under the control of the State and has for that purpose special powers beyond those which result from the normal rules applicable in relations between individuals is included in any event among the bodies against which the provisions of a directive capable of having direct effect may be relied upon.***[3] ***”***

Maghdud dana kollu ghalhekk l-aggravvju ta'l-appellanti ma jisthoqqlux akkoljiment u dana billi bis-sahha tad-Direttivi ewropej kif rezi applikabbli bir-regolamenti iccitati, it-Tribunal Industrijali ghandu s-setgha li jissindika kwalunkwe allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju imqieghed ghal gudizzju tieghu kemm dak imwettaq fis-settur privat, kif ukoll fis-settur pubbliku.

Illi fir-rigward tat-tieni aggravvju imressaq mill-Onorevoli Prim Ministru, ghandu jinghad illi l-partijiet kollha involuti f'dana il-gudizzju ma ressqu l-ebda oggezzjoni ghal dana l-ilment fejn it-Tribunal iddecieda illi ghandu ikun

---

[3] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/61989CJ0188

kompost minn tlett membri u mhux wiehed. Illi ma hemmx dubbju illi l-kaz rimess ghal gudizzju tat-Tribunal jaqa' fil-parametri ta'l-artikolu 75(1)(b) ta'l-Att li bis-sahha ta' dak dispost fl-artikolu 74 it-Tribunal ghandu ikun kompost minn membru wiehed li necessarjament irid ikun avukat u dana kif definit fl-artikolu 73(4).

Illi inoltre l-artikolu 30(3) ta'l-Att jiddisponi b'mod specifiku illi f'dawk il-kazi kollha dwar allegat diskriminazzjoni fuq il-post tax-xoghol it-Tribunal Industrijali ghandu ikun kompost minn *chairperson* wahdu bil-mod kif stabbilit fl-artikolu 73(4). Illi ghalhekk indubbjament dan l-aggravvju jisthoqqlu akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tichad l-ewwel aggravvju, tilqa' it-tieni aggravvju sollevat mill-appellanti. Tirrimanda l-atti quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex hemm tkompli tigi trattata u definita dina l-vertenza fid-dawl ta'l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-intimati.

L-ispejjez ta' dina l-procedura ghandha tibqa bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------